Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 414/2015

Il-Pulizja

Spettur Pierre Micallef Grimaud

Vs

Isabella Mifsud

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Isabella Mifsud detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 304261 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, nhar l-24 ta' Frar, 2014, kif ukoll fil-jiem ta' qabel f' dawn il-Gzejjer; bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghanda, gieghlet bl-awtorita' taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew esegwiet obbligazzjoni tkun lit kun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu, jew hattiet bini, jew kisret il-mixi tal-ilma jew hadet l-ilma ghaliha, jew b' xi mod iehor kontra l-ligi indahlet fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Settembru, 2015, fejn il-Qorti ma sabietx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjubin fil-konfront taghha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar s-sentenza appellata u minflok in vista tal-kunsiderazzjonijiet suesposti tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-22 ta' Settembru 2015 il-Kummisarju tal-Pulizija ntavola nota li kien bi hsiebu jappella l-imsemmija sentenza u sussengewentament, fl-24 ta' Settembru, 2015 l-esponent ircieva tali nota fejn hassu manifest aggravate in kwantu li l-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-ewwel lok naqset milli tiehu konjizzjoni tal-provi mressqa mill-parte civile, u fit-tieni lok naqset milli titlob ghall-aktar dokumentazzjoni bhala provi li kienu ndispesabbli u dana meta jidher bic-car li c-cirkostanzi tal-kaz odjern hekk kienu jirrikjedu. Ghaldaqstant l-esponent umilment ihoss li d-decizjoni tal-Ewwl Onorabbli Qorti hi nulla minhabba nuqqas ta' formalita' jew minhabba htigijiet ta' procedura u dana ai termini tal-artikolu 413(1) (viii) tal-Kodici Kriminali. Dana qieghed jinghad ghaliex mill-ftit provi inekwivoci ga prodotti hu evidenti li jimpuntaw lejn direzzjoni wahda u l-esponent ma jistghax jifhem u jinsab ferm perpless kif l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li tillibera minhabba kunflitt ta' provi u dana hekk kif ser jigi spjegat;

Illi fl-istess gurnata li nghatat is-sentenza u cioe fis-17 ta' Settembru 2015 l-parte civile pprezentat bhala prova x-xhieda guramentata ta' Isabelle Mifsud qua l-appellata, li tat b' gurament quddiem l-Assistant Gudizzjarju fil-proceduri civili li hemm pendent quddiem il-Qrati Civili. Illi minn qari akkurat ta' dina l-istqarrija, fir-rigward ta' dan l-bureau, l-appellata stqarret u kkonfermat lid an kien wirt t' omm Joseph Mifsud u li ommu qabel mietet kienet qaltilha li dak kien ghaliha. Ikkonfermat ukoll, fatt li ghall-kaz odjern hu krucjali mmens, u cioe li meta mietetommu kienu ghadhom mhux separate pero' dan il-bureau kien diga tar-ragel

ghax ir-ragel ma ghandux hutu meta, izda fl-istess nifs ikkonfermat ukoll li kienet bieghet dan il-bureau minhabba raguni finanzjarja. Illi, f' dan l-isfod, l-esponent mhux se joqghod jidhol fil-kwistjoni u r-raguni ta' x' gieghelha tbiegh dan il-bureau ghax ai fini ta' dan l-appell huma rrilevanti. Illi, kwindi hi x' inhi r-raguni, xejn m' hu ha jiggustifika l-agir tal-appellata galadarba jirrizulta li l-l-bureau mhux taghha. Illi hareg car minn tali stqarrija li l-imputata ddisponiet mill-bureau, li r-ragel taghha bhala s-sid kellu l-pussess tieghu wkoll, ghax skond hi ommu qabel mietet qaltilha li kienet sejra tatihula. Illi f' dan l-isfond l-esponent isaqsi, jekk ghas-sahha tal-argument wiehed ghandu jemmen li omm ir-ragel taghha verament tatulha allura meta ddecidiet li tbieghu, lir-ragel ma qaltlux b' dan l-intendiment meta hi konxja li ghalih dan l-oggett seta' kellu valur sentimentali li ma tixtrihx bil-flus?

Illi tenut kont dakinhar u fl-istess seduta li giet esebita x-xhieda guramentata tal-appellata l-Qorti ghaddiet biex tghati s-sentenza, u ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss hadet konjizzjoni ta' dina x-xhieda guramentata ghax il-buon sens jddetta li l-Qorti kienet titlob ghall-konferma ta' dina x-xhieda guramentata ghax il-buon sens jiddetta li l-Qorti kienet titlob ghall-konferma ta' tali stqarrija billi almenu titlob ghat-testment tad-deceduta u cioe' t' omm l-parte civile. Illi b' kull dovut rispett lejn l-imputata, jekk tali testament ma jsemmiex b' mod esklussiv li dana l-bureau nghatalha allura jiskatta dak previst that l-artikolu 85 tal-kodici kriminali li hija l-unika akkuza li giet dedotta kontra l-appellata.

Ghaldaqstant indubjament isegwi illi kif jidher ben car mill-atti processwali m' hemm l-ebda kunflitt fil-provi prodotti u kemm il-darba t-testment ma jghidx mod iehor, l-unika kunflitt li hemm huwa f' dak li stqarret l-appellata stess fejn hi stess qed tikkonferma li dak li ghamlet ma setghet taghmlu qatt.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qieghed isejjes il-lanjanza tieghu kontra is-sentenza impunjata billi jissolleva in-nullita ta'l-istess minhabba nuqqas ta' formalita jew minhabba htigijiet ta' procedura ai termini ta'l-artikolu 413(1)(viii) tal-Kodici Kriminali. Imbaghad ighaddi sabiex jispjega dan l-aggravvju tieghu billi jishaq illi dan in-nuqqas sehh meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex illiberat lill-appellata fuq nuqqas ta'

provi in kwantu naqqset milli tiehu konjizzjoni tal-provi imressqa mill-*parte civile* u naqqset milli titlob ghall-iktar dokumentazzjoni li kienu indispensabbli u mehtiega fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Avukat Generali u l-abbli prosekutur li hejja dan l-appell, dan l-aggravvju huwa ghal kollox konfuzjonarju u ma jaghmel l-ebda sens legalment. Illi d-decizjoni milhuqa mill-ewwel Qorti li tillibera lill-appellata kienet wahda imsejsa fuq kunflitt ta' provi. Dan huwa fid-diskrezzjoni ta' kull gudikant b'mod specjali fil-kamp penali fejn allura meta l-provi imressaq 'il quddiem mill-prosekuzzjoni ma ikunxu tali li jistghu wiasslu ghal sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, allura l-qorti ghandha l-obbligu li tghaddi ghal liberatorja tal-persuna akkuzata. Dan il-piz jinkombi fuq il-prosekuzzjoni u certament mhux fuq il-Qorti li tara li l-provi imressqa u li jistghu iwasslu ghar-reita' ikunu jilhqu dan il-grad ta' prova. Mhux biss izda il-prosekuzzjoni ghandha id-dmir li tressaq l-ahjar prova sabiex issostni l-akkuzi imressqa minnha. Kwindi l-Avukat Generali ma ghandux ragun meta jitfa' dan il-piz fuq il-Qorti sabiex tordna illi titressaq xi dokumentazzjoni li fil-fehma tieghu kienu indispensabbli billi l-Ewwel Qorti m'ghandhiex poteri investigattivi! Jekk il-prosekuzzjoni u l-*parte civile* dehrilhom illi xi prova kienet wahda indispensabbli allura certament illi kien jispetta lilhom illi iressquha u mhux jippretendu illi l-Qorti taghmlilhom xogholhom!

Fi kwalunkwe kaz dikjarazzjoni mill-Ewwel Qorti illi tghaddi ghal liberatorja tal-persuna akkuzata minhabba kunflitt fil-provi certament ma twassalx ghal xi nullita tad-decizjoni impunjata minhabba xi difett procedurali jew xi nuqqas ta' formalita mehtiega *ad validitatem*. Jekk l-Avukat Generali dehrlu illi l-Ewwel Qorti malament illiberat lill-appellata minhabba dan il-kunflitt billi l-provi fil-fehma tieghu kienu inekwivoci, allura messu sejjes il-lanjanza tieghu fuq l-apprezzament maghmul fid-decizjoni impunjata u mhux fuq l-aggravvju ta' nullita abbazi ta'l-artikolu 413(1)(viii). Illi imbaghad meta din l-Qorti fliet ir-rikors ta'l-appell sabiex tipprova tislet xi mottiv li jista' iwassal ghan-nullita kif prospettata, kien evidenti illi dan l-aggravvju kien kwazi kwazi jirrazenta l-fieragh meta johrog illi l-motiv li wassal ghall-aggravvju ta'l-Avukat Generali kien in-nuqqas mill-Ewwel Qorti illi tiehu

konjzizjoni ta' xhieda guramentata moghtija mill-appellata, u cioe' l-imputata, f'kawza civili bejn l-istess partijiet u esebieta mill-*parti leza* billi dehrlu "illi l-buon sens kien jiddetta li l-Qorti titlob ghall-konferma ta' tali stqarrija …", u dan kontra kull regola u principju sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tad-dritt ghas-silenzju tal-persuna akkuzata tali li twassal sabiex kwalunkwe dikjarazzjoni moghtija minnha minghajr id-debiti kawteli skont il-ligi ghandha tigi skartata. Illi ma hemmx dubbju illi dak li jilmenta minnu l-Avukat Generali ma huwiex legalment sostenibbli u allura l-appell minnu imressaq huwa ghal kollox infondat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur